MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2012

Numru. 169/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Joseph Barbara, iben Joseph u Antonia nee` Gauci, imwieled Pieta` nhar l-10 ta’ Dicembru 1990, residenti 52, Maria Annunzjata, Triq Bir Gheliem, Tarxien, ID card nr.  36291(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-5 ta’ Frar 2011 u fil-jiem ta’ qabel:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura r-raza mehudha mil-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini

Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lil persuna/i, minghajr ma kellu licenza tal-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tan-1939, ghal kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew min xi awtorita moghtija mil-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma ien fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruq mit-tabib principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima ta’ l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellux licenza jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga, u dan bi ksur tar-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 291/1939), kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta’Malta, kif ukoll

b) Kellu fil-pussess ir-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara b’referenza ghall-ewwel akkuza illi dan kien kaz ta’ traffikar ‘by sharing’ u kwindi ghandu japplika l-proviso ghall-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi fil-konfront tal-imputat ghandu japplika l-proviso ghall-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 8(a), 22 (1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), il-proviso ta' Section 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni ta' Section 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lil hati bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

Il-Qorti qed twissi lil hati li huwa jista' jibbenefika mill-proviso ghall-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal darba wahda biss.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta' Dok FF3.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------